**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Nori Khalifa Said Iakob**

Numru: 1062/2014

Illum 26 ta' Settembru 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Nori Khalifa Said Iakob**, ta' tmienja u tletin (38) sena, iben Khalifa Said Iakob u Salima Mohamed Yarow, imwieled Libya nhar it-2 ta' Frar 1976, residenti 14, Pjazza San Nardu, Mosta numru tad-dokument tal-"*Asylum Seeker*" (Refcom No.) 17946/14 (mahrug nhar it-22 ta' Ottubru 2014)

akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-26 ta' Ottubru 2014 u fil-gimghat ta' qabel:

1. kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprovdi li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljett/i tal-flus ta' valuta Euro, meta kien jaf li l-istess huwa/huma falsifikat/i;

3. naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D. fid-digriet taghha ta' nhar l-1 t'April 2014 u jekk il-kaz b'digriet/i sussegwenti, li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanzija, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

4. kiser kundizzjoni moghtija lilu mill-Qorti li ma jistax jwettaq reat ta' natura volontarja waqt li hemm imposti fuqu kundizzjonijiet ta' helsien mill-arrest.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-Ligi, tirrevoka l-beneficcju tal-helsien mill-arrest moghti lill-imputat

u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-istess Nori Khalifa Said Iakobi u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 579(3) tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex, fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (Dok. "PG 3" – *a fol.* 7) datat 29 ta' Ottubru 2014 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 22(2) ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), l-Avukat Generali ordna li l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri (*a fol.* 76 *et seq.*).

Semghet, fis-seduti tat-12 ta' Jannar 2016 (*a fol.* 92) u tat-23 ta' Frar 2016 (*a fol.* 95), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 127) datata 10 ta' Gunju 2016 fejn:

- *ai termini* ta' Artikoli 22(2) u 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

  u

- *ai termini* ta' Artikolu 370(1)(3)(a) tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

    - fl-Artikoli 17, 18, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
    - fl-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta;
    - fl-Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
    - fl-Artikolu 579(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
    - fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
    - fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-28 ta' Gunju 2016 (*a fol.* 128), il-Qorti gabet a konjizzjoni tal-partijiet in-Nota tal-Avukat Generali tal-10 ta' Gunju 2016 (*a fol.* 127) f'liema seduta gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota msemmija u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2017, id-depozizzjoni tal-imputat moghtija minnu minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 133 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tal-5 ta' April 2018, lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz (*a fol.* 140).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fl-20 ta' April 2018 (*a fol.* 141 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fit-13 ta' Gunju 2018 (*a fol.* 150 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2014, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Pierre Grech** (*a fol.* 22 *et seq.*) fejn spjega li fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Ottubru 2014 kien hemm Pulizija mid-*Drug Squad* li marru jaghmlu spezzjoni gewwa l-*Clique Club* go Paceville meta ghall-habta tas-00.45am innutaw lill-imputat. Jixhed li uhud mill-Pulizija kienu jafu li l-imputat kellu kaz il-Qorti u li meta nghata l-liberta' provizorja kellu kundizzjoni ta' rinkazar. Jghid li l-Pulizija kien giehom suspett li l-imputat seta' kellu xi droga fuqu u li minn tfittxija li saret fuqu sabulu *wallet* b'borza zghira hafna b'ammont minimu ta' droga allegatament kokajina u li bejn il-*cover* tal-*mobile* u wara tal-*mobile* sabulu wkoll zewg pakketti ohra. Jghid li aktar tard l-imputat ammetta li dawn kienu tieghu. Jixhed li fil-vicinanzi ta' fejn kien l-imputat instabet borza bi tliet boroz simili ta' pakketti allegatament kokajina li l-imputat cahad li kienu tieghu. Jixhed li gewwa l-*wallet* tal-imputat instab l-ammont ta' tliet mija u tmenin Euro (€380.00) fi flus kontanti *"plus dawk kien hemm mitt Euro (€100.00) li kienet tidher li hija falza counterfeit"* (*a fol.* 23). Jghid li l-imputat gie arrestat u li gew mehuda zewg stqarrijiet tieghu u li eventwalment gie mressaq il-Qorti. Ezebixxa dikjarazzjoni tar-rifjut ghall-parir legali (Dok. "PG" – *a fol.* 26), zewg stqarrijiet (Dok. "PG 1" u "PG 2" – *a fol.* 27 *et seq.*), karta tal-mitt Euro (€100.00) allegatament falza (Dok. "PG 3"), u vera kopja ta' dokument minn fejn jirrizultaw il-konnotati tal-imputat (Dok. "PG 4" – *a fol.* 32 *et seq.*).

L-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Pierre Grech rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2015 (*a fol.* 69 *et seq.*) fejn pprezenta s-segwenti: (a) bhala Dok. "PGa" is-somma globali ta' karti ta' flus ta' tliet mija u tmenin Euro (€380.00), (b) bhala Dok. "PGb" kartiera tal-gilda kontenenti *sachet* wiehed tal-plastik bi trab abjad, (c) bhala Dok. "PGc" *iPhone* kontenenti, bejn il-*mobile* u l-*cover* tieghu, tliet *sachets* tal-plastik, f'kull *sachet* kontenenti trab abjad, (d) bhala Dok. "PGd" tliet *sachets* ohra kontenenti trab abjad ukoll. Fir-rigward tat-tliet mija u tmenin Euro (€380.00) jghid li l-imputat qallu li dawn kienu gew moghtija lilu fiz-zmien li kien il-habs. Jghid li l-karta ta' mitt Euro (€100.00) allegatament falza kienet instabet ma' dawn il-flus.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2014, xehed ukoll **Robert Mifsud** (in rapprezentanza tal-Bank Centrali ta' Malta – *a fol.* 34 *et seq.*) fejn

spjega li fis-sena 2002 hu beda l-Unit li jiehu hsieb il-flus foloz gewwa l-Bank Centrali. Meta gie muri karta ta' flus immarkata bhala Dok. "PG 3", qal li din hija karta tal-flus falza. Jispjega li Dok. "PG 3" ghandha diversi fatturi ta' sigurta' li huma riprodotti u m'humiex hemmhekk bil-mod originali: ghamel riferenza ghan-numru ta' wara u spjega li meta ccaqlaq il-karta tal-flus, in-numru suppost ikangi u jbiddel il-kulur. Jispjega li f'karta Dok. "PG 3" il-kulur huwa wiehed solidu u meta ccaqlaq il-karta l-kulur ma jinbidilx. Jixhed ukoll: *"Hemm affarijiet ohra bhal water mark u security thread li huma riprodotti fuq in-note m'humiex physical u anke ghandek il-fatturi tas-sigurta' fir-roqgha olagrafika li suppost l-istess ibiddlu l-kulur, id-disinn meta inti ccaqlaq in-note li fil-karta ta' quddiemi m'ghandhom l-ebda effett"* (*a fol.* 34-35).

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2014, xehed ukoll **PS 364 David Borg** (*a fol.* 36 *et seq.*) fejn spjega li fis-26 ta' Ottubru 2014 kien flimkien ma' PC 1589, PC 467, PC 1124 u WPC 284 jaghmlu xi spezzjonijiet go Paceville. Jghid li dahlu fl-istabbiliment *Clique* fejn jghid li ma tantx kien hemm nies u wara li gew iccekjati t-*toilets*, gew innotati li kien hemm tliet persuni mal-bar li bdew iharsu lejhom (lejn il-Pulizija). Jghid li huma marru biex jiccekkjawhom u zewg persuni minnhom irrizulta li ma kellhom xejn. Jghid li l-persuna l-ohra, li giet identifikata bhala l-imputat, gie mwaqqaf fis-00.45am. Jixhed li hu (PS 364) qal lill-imputat ghal darba, darbtejn biex ma jdahhalx idejh gol-but ta' wara u l-imputat beda jghidlu li ried johrog il-kartiera, jixhed: *"Kif appena ressaqtu, anzi qabel ma ressaqtu harist mal-art ovvjament kont bla nuccali tal-vista dak il-hin, ma zammejtux fuqi, pero' rajt mal-art borza b'xi haga bajda go fiha mal-art u f'hin minnhom rifisha b'saqajh li jiena meta hadtu hemmhekk biex naghmillu search ma rajthiex hemmhekk qabel"* (*a fol.* 37). Jghid li ma rahx jarmieha pero' jghid li ma kinitx hemmhekk qabel ma hadu biex jaghmillu tfittxija. Jghid li meta hu (PS 364) gabar din il-borza, li l-imputat cahad li kienet tieghu, deher li go fiha kien hemm sustanza suspettata kokajina. Jghid li beda jistaqsi lill-imputat x'jismu u jekk kienx jiffirma f'xi Ghassa u li l-imputat beda jghidlu biss li kien jismu "Sammy" u b'hekk gie deciz li ssir tfittxija fuqu gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan fejn mill-kartiera tieghu kien hemm pakkett iehor bi trab abjad simili ghall-pakkett l-iehor li nstab mal-art. Jghid

li saret tfittxija gewwa r-residenza tieghu fejn gew elevati xi affarijiet bhal *mobiles*. Jghid li hekk kif hu (PS 364) gie biex jaqla' l-*cover* bejn il-*cover* u l-*mobile* sab tliet pakketti ohra b'sustanza bajda. Jghid li qabel skopra x'kien hemm bejn il-*mobile* u l-*cover*, il-*mobile* kien impoggi fil-*locker room* tad-Depot. Jghid li gie mghoddi kollox ghand l-iSpettur Pierre Grech. Ezebixxa rcevuta kopja ta' liema giet mghoddija lill-imputat, liema rcevuta giet immarkata bhala Dok. "DB" (*a fol.* 41). Jixhed li sakemm beda jiccekkja l-flus innota li wahda mill-karti ta' mitt Euro (€100.00) dehret falza peress li meta ccekkjaha kontra d-dawl in-numri ma kienux jaqblu minn quddiem ghal wara. Jghid li minn ricerka li ghamel irrizulta li mid-dehra l-imputat kien marbut b'rinkazar sal-11.00pm.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2014, xehed ukoll **PC 1589 Tarik Shaikh** (*a fol.* 42 *et seq.*) fejn spjega li fis-26 ta' Ottubru 2014 kien flimkien ma' membri ohra tal-Iskwadra ta' Kontra d-Droga u meta dahlu ghas-00.45am gewwa l-istabbiliment *Clique* biex jaghmlu spezzjoni, innutaw tlieta min nies suspettuzi fejn minn tfittxija li saret fuqhom, tnejn minnhom ma kellhom xejn, u l-iehor kien l-imputat li gie identifikat fl-awla li ma bediex jobdi l-ordnijiet u beda jdahhal idejh fil-but u ftit wara nnutaw li kien hemm borza mal-art b'pakketti go fih bi trab abjad u beda jipprova jghattiha b'saqajh u li eventwalment gabarha s-Surgent. Jghid li minn *strip search* li saret fuq l-imputat gewwa l-Ghassa ta' San Giljan gewwa l-kartiera nstabet borza zghira bi trab abjad suspettat kokajina u erba' mija u tmenin Euro (€480.00) fi flus kontanti li mitt Euro (€100.00) minnhom dehret li kienet falza. Jghid li minkejja li l-imputat gie mistoqsi jghid jekk jiffirmax x'imkien jew jekk kellux xi haga maghhom, hu baqa' ma tax il-*particulars*, anzi jghid li beda jaghti *particulars* hziena u foloz. Jghid li minn tfittxija li saret fid-dar tal-imputat gew elevati tliet *mobile phones*, mazz cwievet kif ukoll gizirana, li l-imputat qal li ma kinitx tieghu. Jghid li meta kienu d-Depot, fil-hin li s-Surgent qala' l-*cover* tal-*mobile* li gie elevat minn fuq l-imputat, instabu tliet pakketti bi trab abjad go fihom.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2014, xehed ukoll **PC 467 Graeme Baldacchino** (*a fol.* 45 *et seq.*) fejn spjega li fis-26 ta' Ottubru 2014 ghall-habta tas-00.45am dahal ma' kollegi tieghu fl-istabbiliment

*Clique*. Jghid li hu ma ghamel l-ebda tfittxija fuq l-imputat waqt li kien *Clique* pero' ghamel tfittxija fuq persuna ohra. Jghid li l-imputat gie mittiehed fl-Ghassa ta' San Giljan u saritlu *strip search* li hu (PC 467) ma kienx involut fiha. Jghid li wara saret tfittxija fid-dar tal-imputat u aktar tard irrizulta li l-imputat kellu xi kondizzjoni ta' rinkazar u li eventwalment gie mittiehed id-Depot.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2014, xehed ukoll **PC 1124 Steve Borg** (*a fol.* 48 *et seq.*) fejn spjega li fis-26 ta' Ottubru 2014 kien *night watch* flimkien ma' PS 364, PC 1589, PC 467 u WPC 284. Jghid li marru Paceville u bejn in-nofs siegha ta' filghodu (00.30am) u s-siegha neqsin kwart ta' filghodu (00.45am) marru jaghmlu spezzjoni fl-istabbiliment *Clique*. Jghid li gew innutati tliet min nies iharsu lejhom (lejn il-Pulizija). Jixhed li saret tfittxija fuqhom u li mentri fuq tnejn minnhom ma nstab xejn, fuq l-imputat instabu xi affarijiet illegali. Jghid li hu kien flimkien ma' PC 467 jassistu lis-Surgent u lill-ohrajn jaghmlu t-tfittxija mieghu biex hadd ma jtellifhom. Jghid li l-imputat gie skortat lejn l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan fejn saritlu *strip search* fejn instabu fuqu certu affarijiet ukoll. Jghid li minn hemmhekk marru r-residenza tal-imputat fil-Mosta fejn ma nstab xejn illegali. Jixhed li l-imputat qalilhom li ma kien jiffirma mkien u tahom isem differenti u eventwalment gie eskortat lejn id-Depot.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Frar 2016, xehdet **WPC 284 Therese Vella** (*a fol.* 96 *et seq.*) fejn spjegat li bejn il-25 u s-26 ta' Ottubru 2014 saru spezzjonijiet go klabbs f'Paceville. Tispjega li ghall-habta tas-00.45am kienet flimkien ma' PC 1589, PC 1124, PC 467 u PS 364 fejn dahlu gewwa l-istabbiliment *Clique* fejn gew innutati tliet persuni li kienu mal-bar fejn wiehed minnhom kien l-imputat. Tghid li saret tfittxija fuqu u li meta kienu fl-istabbiliment *Clique*, xi Pulizija raw lill-imputat jarmi xi pakkett tal-kokajina u minn hemmhekk gie mehud l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan sabiex tkompli t-tfittxija. Tghid li l-imputat gie arrestat minhabba pussess ta' sustanza suspettata kokajina. Tixhed li saret ukoll tfittxija fir-residenza tal-imputat. Tispjega li meta kienet id-Depot flimkien ma' PS 364, taht il-*cover* tal-*mobile* tal-imputat instab li kien hemm tliet pakketti

suspettati kokajina. Tghid li meta kienet fl-istabbiliment *Clique* hi ma rat lill-imputat jarmi xejn.

Illi, fis-seduta tal-5 ta' April 2016, xehed ix-**Xjenzat Godwin Sammut** (*a fol.* 104 *et seq.*) fejn spjega li fl-14 ta' Mejju 2015 kien gie mahtur bhala espert mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2017, xehed l-imputat **Iakob Nori Khalifa Said** (*a fol.* 133 *et seq.*) minn jeddu u b'mod volontarju fejn spjega li dakinhar tal-akkadut kien id-dar u kellu bzonn jixtri xi droga u habib tieghu qallu biex imur gol-istabbiliment *Clique* go Paceville peress li hemm kien ser isibha. Jghid li mar xi s-1.30am u wiehed *security* indikalu persuna ohra *security* li kien mal-bar u hu (l-imputat) mar ikellem lil din il-persuna. Jghid li hallas mitt Euro (€100.00) u gie moghti zewg pakketti kokajina. Jghid li fil-mument li mar ikellem lis-*security* li kien mal-bar, kemm hu (l-imputat) u kif ukoll is-*security* kienu qed iharsu lejn il-bar. Jghid li pogga z-zewg pakketti taht il-*cover* tal-*mobile*. Jixhed li s-*security* qallu li kien hemm tas-CID u meta hares lura sab tnejn jew tlieta minnhom li qalulu li riedu jaghmlu tfittxija. Jghid li minn tfittxija li saret, dak il-hin ma nstab xejn u *"ghall-ewwel kien ha jitlaqni hu l-ewwel imbaghad mar fl-art x'hin kienu hergin barra, quddiem bank sibt borza fl-art qalli "din tieghek?""* (*a fol.* 133). Cahad li kienet tieghu u mistoqsi jghid kemm kienet il-boghod minnu, wiegeb: *"Kien 'l boghod iktar minn fejnek, iktar sal-hajt zgur, sabhom fl-art qalli dawn tieghek, ghidtlu "x'tieghi, tieghi, mela jien nista' narmihom minn hawn s'hemm""* (*a fol.* 134). Jghid li l-pakkett instab taht id-DJ ezatt. Jixhed: *"ghax fejn sabhom id-DJ li kien qed idoqq fuqu kien hemm in-nies mieghu fejn id-DJ tahtu kien hemm in-nies ukoll kien hemm hafna nies, sabhom hemmhekk"* (*a fol.* 134). Jghid li hu ammetta li kienu tieghu biss dawk li nstabu fuqu. Jghid li fuq dak il-persuna minn ghand min xtara ma saret l-ebda tfittxija. Fir-rigward tal-flus li nstabu fil-kartiera tieghu u meta nghad lilu li kellu karta falza, hu cahad li kienet falza. Jixhed: *"Ghidtlu ma nafx minn fejn. Jien dak iz-zmien kont ghadni hiereg mill-habs, dahhalt mieghi sebat'elef Euro u x'hin hrigt kelli fuq tliet elef zgur jew erbgha hrigt bihom. Tfajthom id-dar u kull darba nitfa' … fil-kartiera biex nohrog bihom. Ma nafx x'gibt dik il-mitt Euro falza. M'ghandhiex x'irridha mieghi hux kieku*

*nkun naf li falza mhux ser nehodha. Issa tawhieli mill-habs, harget mal-flus tieghi, ma nafx"* (*a fol.* 135).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li jiftakar li kienet ittiehdet stqarrija tieghu u jghid li ma jahsibx li kien kellem avukat. Ikkonferma li meta gie arrestat kellu l-vizzju tad-droga. Mistoqsi jghid kemm kien ilu b'dan il-vizzju, jghid: *"Ma nafx kien ikolli hux daqqa nieqaf daqqa dak kelli l-vizzju"* (*a fol.* 135). Ikkonferma li fis-sena 2014 kellu xi kazijiet ohra mal-Pulizija. Jikkonferma li kellu kundizzjoni li fil-hdax ta' bil-lejl kellu jkun rinkazat. Mistoqsi fir-rigward ta' dakinhar li mar *Clique*, jghid: *"dik il-lejl qed nghidlek kont naqra ghajjien"* (*a fol.* 136). Jghid li minkejja li kien jaghmel zmien jieqaf jiehu d-droga, kien jerga' jibda, u li kien anke mar programm. Jghid li kien jixtri droga minn fejn kien isib. Ikkonferma li dak iz-zmien kien joqghod il-Mosta u mistoqsi jghid jekk inqediex mill-Mosta, wiegeb: *"Issa jien ninqeda minn fejn insib ninqeda nixtri hux"* (*a fol.* 136). Mistoqsi jghid jekk dak inhar li nqabad kellux bilfors imur Paceville, wiegeb: *"Ghax ma sibtx minn fejn qalli wiehed mur hemmhekk u ssib zgur u tlajt il-Clique"* (*a fol.* 136).

| | |
|---|---|
| Pros: | *"Inti kont ilek tiehu d-droga on and off is-snin on and off, mhux qed nghidlek kuljum, ma jimpurtax. U qed tghid li minn fejn qed tinqeda tixtri, m'ghandek lil hadd partikolari. Sfortunatament droga ma tezistix Paceville biss u inti taf iktar minni. Il-Mosta ghidtli li ma sibtx"* (*a fol.* 136). |
| Xhud: | *"Ma nafx"* (*a fol.* 136). |

Mistoqsi jghid jekk ippruvax lokalitajiet ohra, wiegeb: *"Mohhi dak il-hin hekk hasibha: hemmhekk hemm u mmur u ninqeda u nitlaq"* (*a fol.* 136). Fir-rigward tal-hin li kien mar, jghid: *"Ma nafx ezatt dak il-hin lanqas ikkalkulajt x'hin kienu"* (*a fol.* 136). Jghid li mar kemm il-darba *Clique*.

| | |
|---|---|
| Pros: | *"Mort kemm il-darba Clique u qatt ma nqdejt mid-droga".* |
| Xhud: | *"Issa jien fuq dakinhar qed nitkellmu fuq dakinhar".* |
| Pros: | *"Ehe jien qed insaqsik, dakinhar inqdejt mill-Clique. Drabi ohrajn tul dawn it-tnax il-sena".* |

| | |
|---|---|
| Xhud: | *"Issa mhux ha nghidlek fuq dawn it-tnax il-sena jien qed nghidlek fuq dakinhar qed nitkellmu".* |
| Il-Qorti: | *"Issa qed isaqsik fuq drabi ohrajn".* |
| Xhud: | *"Drabi ohrajn minn fejn insib, darba kont ninqeda".* |
| Pros: | *"Gie li sibt minn ghand il-Clique, drabi ohrajn qed insaqsik mistoqsija semplici".* |
| Xhud: | *"Le qatt ma sibt"* (*a fol.* 137). |

Fir-rigward tal-karta tal-flus li rrizultat li kienet falza jghid: *"U dakinhar ilu ma nafx kemm hrigt mill-habs kelli sebat'elef Euro cash dhalt bihom u hrigt forsi kelli erbat'elef, tliet'elef, u xi haga tfajthom id-dar u kull darba nidhol fil-kartiera u niehu xi haga minnhom biex nohrog u ninqeda. Issa harget minn dawk il-flus sibtha jien ma kelliex hliefha"* (*a fol.* 137).

Jghid li ma ghandux amment kemm kienet ilha fil-*wallet* tieghu. Mistoqsi jghid kemm, bejn wiehed u iehor, wiegeb: *"M'ilhiex iktar minn gimgha zgur, m'ilhiex iktar minn gimgha zgur"* (*a fol.* 137). Jghid li skond hu, dik il-karta ma kinitx hazina, *"kieku hazina m'ghandhiex x'irridha"* (*a fol.* 137).

**Ikkunsidrat**

Illi, fl-<u>ewwel stqarrija</u> (Dok. "PG 1" – *a fol.* 27 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Pierre Grech, liema stqarrija giet rilaxxata fis-26 ta' Ottubru 2014 wara li l-imputat nghata d-dritt li jikkonsulta ruhu ma' avukat ta' fiducja tieghu u huwa rrinunzja ghal dan id-dritt (Dok. "PG" – *a fol.* 26), l-imputat qal li ilu jghix Malta xi seba' jew tmien snin. Qal li ghandu tliet kazi pendenti l-Qorti. Jghid li jiffirma fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta u f'dik ta' Birkirkara. Ikkonferma li huwa marbut bil-hin tar-rinkazar sal-11.00pm. Mistoqsi dwar il-hin li gie arrestat, jghid li minn ghalih li kien ghadu l-hin. Jghid li ilu erbatax-il sena jiehu l-kokajina. Filwaqt li kkonferma li l-pakkett bi trab abjad li kien fil-kartiera u t-tliet pakketti gewwa l-*Iphone* huma tieghu, jichad li l-borza li fiha kellha tliet pakketti kokajina kienet tieghu. Jghid li din il-borza giet migbura mis-Surgent. Jghid: *"wara li ccaqlaqna ftit passi boghod minn fejn konna, gie s-Surgent biha u qalli li din tieghi. Jiena ghidtlu li mhux tieghi"* (*a fol.* 28). Jghid li fil-vicin kien hemm hafna nies. Jichad li

rema' din il-borza mal-art hu stess. Jghid li l-kokajina li nstabet fuqu kienet ghall-uzu tieghu. Jghid: *"Jekk tarahom, l-anqas huma shah. Wahda minnhom, ta' gol-mobile, borza biss, ftit fadal fiha. Anke tal-kartiera, il-fdal li baqghali, mill-gimgha l-ohra jew ta' qabel. It-tnejn l-ohra ta' gol-mobile xtrajthom mill-Clique ezatt qabel ma waqqfuni l-Pulizija"* (*a fol.* 29). Jghid li xtara dawn iz-zewg pakketti tal-kokajina minn ghand wiehed li kien hemm li ma jafx min hu. Ghad-domanda: *"U la ma tafx min hu, kif irnexxilek tixtrihom? Gie hu fuqek isaqsik? Mort issaqsieh int? Baghtek xi hadd ghandu? X'gara?"* (*a fol.* 29), wiegeb: *"M'ghandhiex xi nghidlek aktar. Daqshekk"* (*a fol.* 29). Fir-rigward tal-karta tal-mitt Euro (€100.00) falza, jghid li din kienet ilha ghandu d-dar. Jghid: *"Dawk il-flus kollha kienu milli kont gibt mieghi meta hrigt mill-habs, xi xahrejn ilu"* (*a fol.* 29). Mistoqsi jghid ghala kellu erba' mija u tmenin Euro (€480.00), wiegeb: *"Gol-kartiera, il-flus tieghi. Kienet mal-flus tieghi, imma ma nafx. Jista' jkun blajtha minn ghand xi hadd, ma nafx"* (*a fol.* 29). Wara li gie nfurmat li gie mwaqqaf fil-*Clique* fis-00.45am, jghid: *"Kelli drink u nsejt. Min ghalija kien ghadu l-hin"* (*a fol.* 29). Jichad li hu qatt biegh droga. Jghid biss li hu jiehu d-droga. Jghid li kien ilu wieqaf mill-kokajina ghal erba' snin u xi tliet gimghat qabel rega' waqa'.

Illi, fit-<u>tieni stqarrija</u> (Dok. "PG 2" – *a fol.* 30 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat lill-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Pierre Grech, liema stqarrija giet rilaxxata fit-30 ta' Ottubru 2014, l-imputat ghal darba ohra cahad li huwa rema' mal-art l-borza tal-plastik li kellha tliet pakketti trab abjad. Jghid li meta hareg mil-habs ha mieghu l-fuq minn elfejn Euro (€2000). Mistoqsi minn fejn gab il-karta tal-mitt Euro (€100) falza, jghid: *"Ma nafx, emminni, ma nafx minn fejn gibtha. Ma kontx naf biha. Jista' jkun li bellaghieli xi hadd. Jista' jkun kollox"* (*a fol.* 31). Mistoqsi jghid jekk nhar is-Sibt 25 ta' Ottubru 2014 marx jiffirma l-*bail book*, wiegeb li mar kemm fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Mosta u kif ukoll f'dik ta' Birkirkara.

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**

Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-

imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta li fil-lejl ta' bejn il-25 ta' Ottubru 2014 u s-26 ta' Ottubru 2014 numru ta' Pulizija li jiffurmaw parti mill-iSkwadra ta' Kontra d-Droga marru jaghmlu spezzjoni gewwa l-istabbiliment *Clique* li jinsab f'Paceville. Minn tfittxija li saret fuq tliet persuni li kien hemm mal-*bar*, tnejn ma kellhom xejn fuqhom mentri wiehed minnhom, cioé l-imputat, ma bediex jobdi l-ordnijiet moghtija lilu u beda jdahhal idejh fil-but u ftit wara gie nnutat li vicin tieghu kien hemm borza b'pakketti go fih bi trab abjad. L-imputat cahad li din il-borza kienet tieghu. Minn tfittxija li saret fuq l-imputat irrizulta li fil-kartiera tieghu kien hemm pakkett iehor bi trab abjad u bejn il-*cover* tal-*mobile* u l-*mobile* nnifsu nstabu wkoll tliet pakketti ohra b'sustanza bajda. Fuq l-imputat instabet karta tal-mitt Euro (€100.00), fost flus ohra, li wara rrizulta li kienet falza.

Eventwalment ittiehdu l-proceduri kriminali odjerni fil-konfront tal-imputat fejn l-imputat gie akkuzat: (a) b'pussess aggravat ta' droga kokajina, (b) li kellu fil-pussess tieghu karta ta' flus falsifikata, (c) li naqas li jhares il-kondizzjonijiet tal-helsien mill-arrest, (d) li kiser il-kiser kundizzjoni li ma jwettaqx reat ta' natura volontarja waqt li kien mehlus mill-arrest.

Illi l-Qorti sejra issa tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Pussess Aggravat ta' Kokajina)</u>**:
Illi taht l-ewwel imputazzjoni l-imputat gie akkuzat b'pussess aggravat ta' kokajina. Il-Qorti mal-ewwel tosserva li minn harsa lejn l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat (*Vide a fol.* 1) jirrizulta li wiehed jinghata x'jifhem li l-kliem *"liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu"* gew kancellati u dana peress li l-kliem kwotati ghandhom linja fuqhom u tahthom, bil-firem ma' genbhom li jidhru li huma tal-Ufficjal Prosekutur originali u cioé l-eks Spettur Pierre Grech. Minn dakinhar li l-kawza giet intavolata quddiem il-Qorti sallum nbiddlu

mhux biss l-Ufficjal Prosekutur, pero' inbidel ukoll l-avukat difensur tal-imputat (ghal darba, darbtejn) u kif ukoll il-Magistrat. Hadd minn dawn in-nies ma jista' jghid x'gara jew ma garax. Minkejja li l-verbal ta' meta l-imputat tressaq b'arrest (*a fol.* 3 u 4) ma jghid xejn fir-rigward tal-linji u l-firem li ssir riferenza ghalihom hawn fuq, jirrizulta li dawn saru fil-prezentata tal-imputat taht arrest u dana peress li meta l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat gew moqrija bil-gurament mill-Ufficjal Prosekutur l-eks Spettur Pierre Grech, dawn il-linji u l-firem jirrizultaw ukoll minn *a fol.* 8.

Minn harsa lejn Artikolu 398 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta li dak li jiddisponi dan l-Artikolu ma giex segwit: kemm ghax ma tirrizulta l-ebda postilla (la fil-genb u lanqas taht l-att – kif jirrikjedi Artikolu 398(1)) u anqas ma jirrizulta li l-Magistrat iffirma dawk il-postilli/tahsiriet (kif jirrikjedi Artikolu 398(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Illi jinghad li meta l-Pulizija avvicinaw lill-imputat, l-imputat beda jaghti isem hazin. Ma ghandux ikun hemm dubju li minn tfittxija li saret fuq l-imputat, irrizulta li fil-*wallet* kellu borza bi trab abjad kokajina u bejn il-*cover* tal-*mobile* u wara tal-*mobile* nstabu tliet pakketti ohra. Da parte tieghu, fl-istqarrija (Dok. "PG 1" – *a fol.* 27 *et seq.*) rilaxxata minnu, l-imputat kkonferma li l-pakkett bi trab abjad li kien fil-kartiera u l-pakketti gewwa l-*Iphone* kienu tieghu. Fl-istess stqarrija l-imputat qal li l-kokajina li nstabet fuqu kienet ghall-uzu tieghu. Waqt id-depozizzjoni moghtija minnu quddiem il-Qorti, l-imputat xehed li huwa kien pogga l-pakketti in kwistjoni taht il-*cover* tal-*mobile*.

Illi, fir-rigward ta' dak li gie misjub mal-art, il-Qorti tinnota s-segwenti:

- PS 364 David Borg jghid li ma rax lill-imputat jarmi dak li nstab mal-art pero' jghid li din il-borza ma kinitx hemmhekk qabel ma ha lill-imputat biex issirlu tfittxija. Jghid li f'hin minnhom l-imputat rifes din il-borza b'saqajh. Jixhed: *"kif dhalna l-Ghassa ta' San Giljan ghamiltlu strip search fejn kif bdejt niccekkjalu l-kartiera hrigt pakkett iehor bi trab abjad minn go fih simili ta' l-ewwel pakkett li*

*sibt mal-art, qisu borza tal-plastik tas-sigaretti mahruqha bil-lighter"* (*a fol.* 38).

- PC 1589 Tarik Shaikh jixhed li l-imputat ma obdiex l-ordnijiet u beda jdahhal idejh fil-but u ftit wara gie nnutat li kien hemm borza mal-art b'pakketti go fih bi trab abjad, liema borza l-imputat beda jipprova jghatti b'saqajh.

- WPC 284 Therese Vella xehdet li hija ma rat lill-imputat jarmi xejn.

Illi hadd mill-Pulizija li xehed f'dawn il-proceduri ma ra lill-imputat jarmi xi haga mal-art. Da parte tieghu, l-imputat cahad li dak li nstab mal-art kien tieghu. Fl-istqarrija tieghu (Dok. "PG 1" – *a fol.* 27 *et seq.*), l-imputat cahad li huwa rema xi borza mal-art. Minkejja l-isem moghti mill-imputat lill-Pulizija, minkejja li PS 364 David Borg xehed li huwa qal lill-imputat ghal darba, darbtejn biex ma jdahhalx idejh gol-but ta' wara, u minkejja li l-Pulizija qalu li l-imputat gie nnutat jirfes il-borza li nstabet mal-art, il-Qorti ma jirrizultalhiex sodisfacentement pruvat li dak li nstab mal-art kien effettivament tal-imputat. Provi konkreti dwar dan ma jirrizultawx mill-atti processwali.

Illi l-Qorti tinnota li, fir-rapport tieghu (Dok. "GS 1" – *a fol.* 106 *et seq.*), ix-Xjenzat Godwin Sammut wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

(a) *"Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad li hemm fid-dokumenti 208_15_01 u 208_15_02 instabet is-sustanza Kokaina. Il-piz totali tat-trab kien ta' 2.75 grammi u l-purita' kienet ta' cirka 18%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*

(b) *Skond il-Malta National Report 2013 il-valur tal-kokaina huwa ta' €50 kull gramma. Dan jaghti valur total ta' €137.50"* (*a fol.* 110).

Illi b'riferenza ghar-rapport tax-Xjenzat Godwin Sammut hawn fuq imsemmi, il-Qorti tinnota li l-Kodici tal-Laboratorju 208_15_01 jirreferi ghal dak li nstab fuq l-imputat (u cioé fil-kartiera u fil-*mobile*)[1] li kellu ammont ta' 1.02 grammi[2]. Dan l-ammont ghandu l-valur ta' €51.00.[3]

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, il-Qorti ma ghandux ikollha dubju li l-ammont li jsir riferenza ghalih fil-paragrafu precedenti jista' jitqies bhala pussess semplici ta' kokajina u b'hekk l-imputat ser jinstab hati biss ta' dan u mhux ta' pussess aggravat.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Pussess ta' Karta Falsifikata)</u>:**
Illi fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali fl-10 ta' Gunju 2016 (*a fol.* 127), l-Avukat Generali jaghmel riferenza, fost l-ohrajn, ghal Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghandu jinghad li ghalkemm dan l-Artikolu gie imhassar mill-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta bl-Att Nru. XLIX tas-sena 2016, l-istess reat gie trasportat ghall-Artikolu 188D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Peress li r-reat baqa' jezisti fil-ligi, il-Qorti ser tikkunsidra jekk l-imputat hux hati tar-reat addebitat lilu fit-tieni (2) imputazzjoni. L-istess haga ghamlet il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Saviour Gaffarena et** deciza fid-29 ta' Mejju 2017.

Illi, fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- Kemm PS 364 David Borg u kif ukoll PC 1589 Tarik Shaikh xehdu li l-karta in kwistjoni ta' mitt Euro (€100.00) misjuba fil-kartiera tal-imputat flimkien ma' flus kontanti ohra dehret li kienet falza.

- Da parte tieghu, meta nghad lill-imputat li kellu karta falza, fid-depozizzjoni tieghu l-imputat cahad li kienet falza. Jghid li jista'

[1] *Vide a fol.* 108.
[2] *Vide a fol.* 109: 0.39g + 0.45g + 0.06g + 0.12g.
[3] Skond ir-rapport tax-Xjenzat Godwin Sammut kull gramma tiswa €50.00.

jkun giet moghtija lilu meta kien il-habs. In kontro-ezami jghid: *"U dakinhar ilu ma nafx kemm hrigt mill-habs kelli sebat'elef Euro cash dhalt bihom u hrigt forsi kelli erbat'elef, tliet'elef, u xi haga tfajthom id-dar u kull darba nidhol fil-kartiera u niehu xi haga minnhom biex nohrog u ninqeda. Issa harget minn dawk il-flus sibtha jien ma kelliex hliefha"* (*a fol.* 137). Jghid li ma ghandux amment kemm kienet ilha fil-*wallet* tieghu. Mistoqsi jghid kemm, bejn wiehed u iehor, wiegeb: *"M'ilhiex iktar minn gimgha zgur, m'ilhiex iktar minn gimgha zgur"* (*a fol.* 137). Jghid li skond hu, dik il-karta ma kinitx hazina, *"kieku hazina m'ghandhiex x'irridha"* (*a fol.* 137).

- Fl-ewwel stqarrija (Dok. "PG 1" – *a fol.* 27 *et seq.*), jghid li din il-karta tal-mitt Euro (€100.00) falza kienet ilha ghandu d-dar. Jghid: *"Dawk il-flus kollha kienu milli kont gibt mieghi meta hrigt mill-habs, xi xahrejn ilu"* (*a fol.* 29).

- Fit-tieni stqarrija (Dok. "PG 2" – *a fol.* 30 *et seq.*) jghid li meta hareg mill-habs ha mieghu l-fuq minn elfejn Euro (€2000). Mistoqsi minn fejn gab il-karta tal-mitt Euro (€100) falza, jghid: *"Ma nafx, emminni, ma nafx minn fejn gibtha. Ma kontx naf biha. Jista' jkun li bellaghieli xi hadd. Jista' jkun kollox"* (*a fol.* 31).

Illi l-Qorti tinnota li gie sodisfacentement pruvat li l-karta tal-mitt Euro (€100) (Dok. "PG 3") li ssir riferenza ghaliha hawn fuq kienet wahda falza. Dan jirrizulta pruvat minn dak li nghad fid-depozizzjoni tax-xhud Robert Mifsud (*a fol.* 34 *et seq.*).

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Saviour Gaffarena et** msemmija aktar il-fuq, il-Qorti diversament preseduta qalet:

> "L-uniku provi li ngabu fir-rigward ta' din l-imputazzjoni huma l-fatt li giet elevata minghand l-imputat Parnis karta tal-flus fl-ammont ta' €50, li mir-rapport tal-espert nominat mill-Qorti rrizultat li kienet falza. Biss pero' ma giex ippruvat li l-imputat kien jaf li kienet falza li huwa wiehed mir-rekwiziti mehtiega sabiex tinstab htija".

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghall-zewg sentenzi moghtija minnha stess fil-kawzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Calleja** (deciza fid-19 ta' Mejju 2014) u **Il-Pulizija vs. Liam Cassar** (deciza fis-26 ta' Jannar 2015) fejn il-Qorti kif preseduta lliberat lill-imputati fil-kawzi msemmija mill-imputazzjoni in ezami identika ghal dik fit-tieni (2) imputazzjoni fil-kawza odjerna *stante* li ma rrizulta bl-ebda mod li fil-mument li l-imputat rcieva l-karta tal-flus in kwistjoni jew tul il-kors kollu ta' zmien li kien fil-kustodja jew pussess taghha huwa kien f'xi mument konsapevoli tal-falsita' taghha.

Illi dak li nghad fiz-zewg paragrafi precedenti japplika *mutatis mutandis* fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni in ezami u ghall-istess raguni l-Qorti ma jirrizultalhiex li t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imsemmija imputazzjoni.

**<u>It-Tielet (3) u r-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Nuqqas Li Jigu Osservati L-Kundizzjonijiet Imposti Meta L-Imputat Inghata L-Helsien Mill-Arrest u Ksur Ta' Kundizzjoni)</u>**:
Illi l-Prosekuzzjoni ezebiet bhala Dok. "PG 5" (*a fol.* 13) vera kopja tal-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest li jirrizulta li gew moghtija fil-konfront ta' persuna bl-isem li jidher li hu "Jacob Nor [jew Nori]". Jidher mid-dokument imsemmi li fil-kawza fejn gew moghtija l-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest l-iSpettur kien l-iSpettur Fabian Fleri.

Illi minkejja dak li nghad mill-imputat fl-istqarrijiet rilaxxati minnu lill-Pulizija u minkejja dak li nghad minnu meta gie mistoqsi in kontro-ezami rigward il-hin tar-rinkazar u fejn kien meta ressqu lejh il-Pulizija, il-Qorti tinnota s-segwenti:

- L-iSpettur Fabian Fleri ma giex imressaq bhala xhud f'dawn il-proceduri biex jidentifika jekk l-imputat kontra min gew moghtija l-kundizzjonijiet li jirrizultaw minn Dok. "PG 5" (*a fol.* 13) huwiex l-istess imputat fil-kawza odjerna.

- Ma jezisti l-ebda verbal fejn id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq lill-iSpettur Fabian Fleri bhala xhud ghal-ghan imsemmi fil-paragrafu precedenti.

- Minn Dok. "PG 5" (*a fol.* 13) ma jirrizultaw l-ebda konnotati tal-persuna fir-rigward ta' min inghataw il-kondizzjonijiet imsemmija liema konnotati l-Qorti setghet tqabbilhom mal-konnotati tal-imputat fil-kawza odjerna.

- L-isem fir-rigward ta' min inghataw il-kundizzjonijiet m'huwiex identiku ghal dak tal-imputat fil-kawza odjerna.

Illi l-Qorti zzid ukoll li minbarra d-digriet, konnotati, identifikazzjoni eċċetra il-Prosekuzzjoni trid tipprova wkoll li l-proċeduri li fihom dawk il-kondizzjonijiet ikunu ingħataw ikunu għadhom pendenti fil-mument meta jkun hemm nuqqas ta' tharis tal-kundizzjonijiet imposti jew meta ġie kommess id-delitt ta' natura volontarja. Dan għaliex fil-każ li dawk il-proċeduri kriminali jkunu ġew mitmuma, jintemmu wkoll il-kondizzjonijiet marbuta magħhom – salv il-każ t'appell mis-sentenza fejn jistgħu ikunu ritenuti viġenti skont l-Artikolu 416(1A) tal-Kodiċi Kriminali. F'dan il-każ din il-prova tal-viġenza tal-proċeduri penali fil-mument li ma kienx hemm nuqqas ta' tharis tal-kundizzjonijiet imposti jew fil-mument tal-kommissjoni tad-delitt ta' natura volontarja ma nġabitx mill-Prosekuzzjoni u għalhekk il-Qorti ma tistax tassumi li għadhom pendenti ladarba din il-prova ma nġiebetx fl-atti mill-Prosekuzzjoni.

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, ma jirrizultax li t-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni addebitati fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imsemmija imputazzjonijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat ma gewx sodisfacentement pruvati <u>ghajr</u> ghall-fatt li l-imputat ser jigi misjub hati **<u>biss</u>** ta'

pussess semplici tad-droga kokajina. L-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet l-ohra addebitati fil-konfront tieghu.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjoni li tirrigwarda pussess semplici ta' kokajina, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom:

- il-fedina penali (Dok. "PG 2" – *a fol.* 6) tal-imputat (li hija wahda kompletament nadifa);
- in-natura tal-imputazzjoni li giet pruvata; u
- il-fatt li ghandhom japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta, u dana *stante* li l-imputat ser jinstab hati biss ta' pussess semplici ta' kokajina liema ammont (cioé 1.02 grammi[4]) jinkwadra fil-parametri ta' Artikolu 4(1) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mehud in konsiderazzjoni dak li ghadu kemm inghad, il-Qorti hija obbligata li tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' penali skond kif jipprovdi Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni addebitati fil-konfront tieghu u tilliberah mill-imsemmija imputazzjonijiet, ma ssibx lill-imputat hati ta' pussess aggravat ta' kokajina kif indikat fl-ewwel (1) imputazzjoni u minflok, wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 10 ta' Gunju 2016 u rat

Taqsimiet 4 u 6, u Artikolu 22(1)(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

Artikolu 4(1) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta u

Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Ligijiet ta' Malta,

issib lill-imputat Nori Khalifa Said Iakob hati tar-reat minuri kompriz u nvolut fl-ewwel (1) imputazzjoni u cioé ta' pussess semplici tad-

[4] *Vide a fol.* 109: 0.39g + 0.45g + 0.06g + 0.12g.

droga kokajina u tikkundannah ghall-penali ta' disghin Euro (€90.00). *Ai termini* tal-Artikolu 10(2) tal-Kapitolu 291 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li f'kaz li l-hati ma jhallasx din is-somma fi zmien xahar mil-lum, huwa ghandu jhallas penali addizzjonali ta' hdax il-Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65).

*Ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati Nori Khalifa Said Iakob sabiex fi zmien xahar millum ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-espert f'dawn il-proceduri u cioé is-somma ta' mitejn u tmienja u hamsin Euro u seba' centezmi (€258.07).[5]

Il-Qorti tichad it-talba sabiex jigi revokat l-beneficcju tal-helsien mill-arrest moghti lill-imputat u tichad ukoll it-talba sabiex jigi ordnat l-arrest mill-gdid ta' l-istess imputat u dana *stante* li l-imputat gie liberat, fost l-ohrajn, mit-tielet (3) u mir-raba' (4) imputazzjoni.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita (u tal-affarijiet relatati maghha) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Finalment, il-Qorti tordna li l-karta ta' mitt Euro (€ 100.00) (Dok. "PG 3") ghandha a kura tar-Registratur tal-Qorti tigi konsenjata lil persuna nkarigata minn dan fil-Bank Centrali ta' Malta, sabiex wara li l-istess Bank jifliha, jew jeqridha jew isir xort'ohra minnha b'dak il-

[5] Xjenzat Godwin Sammut (Dok. "GS 1" – *a fol.* 110 *tergo*) (€258.07).

mod u taht dawk il-kondizzjonijiet li l-Bank jista' jiddeciedi dwarha kif previst fl-Artikolu 50(3) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

---

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**